# IT-TIENI PARTI
# IT-TIENI SEZZJONI
# APPELLI KUMMERĊJALI

**9 ta' Jannar, 1991**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D., President.**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Dr Joseph Schembri LL.D. *noe.*

*versus*

Joseph Gasan *et. noe.*

## Dokument Esteru – Ammissibilità tiegħu bħala "Att Ġudizzjarju Barrani" – Valur Probatorju

*L-awtentiċità tad-dokumenti barranin ma toħloq ebda diffikultà billi jkollhom fuqhom l-attestazzjoni tal-uffiċjal barrani li jkun responsabbli għall-emissjoni tad-dokument però l-prova ta' dak li jkun jikkontjeni d-dokument hija dejjem soġġetta għall-kontro-prova li tista' tinġieb quddiem dawn il-Qrati.*

*B'interpretazzjoni litterali ta' l-artikolu 628, atti ġudizzjarji barranin – meta dawn jiġu ammessi – mhux biss jippruvaw li saru imma wkoll li jippruvaw dak li fihom. Din l-interpretazzjoni mhix aċċettabbli u mhix korretta. Fl-art. 627, għal dak li jirrigwarda l-atti u r-reġistri tal-Qrati ta' Ġustizzja ta' dawn il-Gżejjer, hemm l-istess disposizzjoni u l-istess kliem huwa wżat; b'danakollu meta dokument bħal dak jiġi eżebit f'proċediment ġudizzjarju jittieħed*

*bħala awtentiku, u jittieħed li qed jipprova dak li jikkontjeni, iżda b'daqshekk ma jittieħedx bħala li jipprova li dak li jikkontjeni huwa wkoll xieħda tal-fatti hemm reġistrati.*

Il-Qorti:- Ikkunsidrat:

Din il-kawża hija maħsuba biex l-attur, li ġie assenjat id-drittijiet ta' *Lloyds Underwriters,* jirkupra d-danni li l-istess *"Underwriters"* kellhom iħallsu lil *Peter Blond Limited,* minnhom assigurati billi s-soċjetà konvenuta kkawżatilhom danni fil-merkanzija li kienet qed tittrasporta minn Malta għall-Ingilterra;

Is-soċjetà konvenuta ċaħdet kull responsabilità;

Waqt li kienu qegħdin jinġabru l-provi mill-perit ġudizzjarju nominat mill-Qorti, fis-seduta tal-11 ta' April, 1986, l-konvenut eżebixxa dokument LS1 li jidher li huwa fotokopja ta' *"denuncia"* li saret fil-*"Questura di Roma-Commissariato di P.S. (Pubblica Sicurezza) Aurelia – Via Aurelia n. 660,* kif ukoll dokument LS2 – li huma fotokopja ta' riċevuta – dikjarazzjoni – magħmula Ruma, intestata *"Polizia di Stato" Compartimento Polizia Stradale Squadra di Polizia Giudizziaria,* u fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 1984 ipproduċa bħala xhud lil Anthony Valvo;

B'rikors tal-21 ta' April 1986, l-attur talab li l-istess dokumenti jiġu sfilżati mill-proċess kif ukoll it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta' Anthony Valvo u dan għad-diversi motivi li se jiġu riportati aktar 'l isfel inkwantu jiffurmaw parti mill-motivazzjonijiet tal-appell *de quo agimur*;

L-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fis-17 ta' Novembru, 1986, wara li rat ir-rikors u semgħet it-trattazzjoni tiegħu iddekretat hekk:

"Tiddikjra ammissibbli d-dokumenti eżebiti mill-konvenut nomine-(riferibbilment għad-dokumenti LS1 u LS2 li jidhru li saru quddiem l-interpretu Francis Ranieri) u (saru) skond il-proċedura tal-post fejn saru u dan b'applikazzjoni tal-artikolu 628. tal-Kap. 15;

Tiddikjara ammissibbli x-xiehda ta' Anthony Valvo minbarra dik il-parti fejn ta dettalji ta' kif allegatament ġrat is-serqa liema parti m'hiex ammissibbli minħabba li hi projbita taħt l-artikolu 597 tal-Kap. 15;

Spejjeż riservati."

Għandu jiġi mmedjatament innotat illi dak li kienu l-artikoli 597 u 628 tal-Kap. 15 fi żmien id-digriet, illum huma l-artikoli 598 u 628 tal-Kap. 12.

Fid-19 ta' Novembru, 1986, l-attur appella minn dan id-digriet għal dawn ir-raġunijiet:

(a) illi d-dokument LS2 ma ġie tradott minn ħadd – mhux bħal l-ieħor, li ġie tradott minn Francis Ranieri;

(b) illi l-Qorti applikat l-artikolu 628 Kap. 12 mingħajr ma ħadet in konsiderazzjoni l-argumenti tal-appellant u ta' l-appellat;

(ċ) illi d-dokumenti eżebiti m'humiex attijiet ta' Gvern u għalhekk l-artikolu ċitat ma japplikax, "rakkont ta' kif allegatament ġara l-inċident, sia pure fuq karta ta' Questura ta' Ruma u bit-timbru tar-Repubblika mhux Att ta' Gvern fis-sens formali li jidher li l-liġi trid tagħtih;

(d) illi l-ewwel Onorabbli Qorti kellha tara jekk l-allegati "*statements*" jikkonformawx mal-artikoli 597, 598 u 599 (illum 598, 599 u 600) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; fuq dawk id-dokumenti l-esponenti mhux qed ikollu l-possibilità li jagħmel il-kontro-eżami tal-persuni li għamlu d-dikjarazzjonijiet li hemm fihom, li lanqas ma huma ġuramentati. Dawn il-persuni kellhom kull interess illi ma jgħidux il-verità sabiex ikopru ruħhom;

(e) illi dawk id-dokumenti, ma ġiex ppruvat li huma prova ammissibbli fl-istess Italja, u fil-makanza ta' prova bħal din l-ewwel Qorti ma tistax tammettihom li jagħmlu prova f'Malta;

Għal dawn ir-raġunijiet l-attur talab ir-riforma tad-digriet imsemmi fis-sens li għandu jiġi konfermat fejn iddikjara inammissibli l-parti tax-xiehda ta' Anthony Valvo u tirrevokah għal bqija cjoè billi jiġi dikjarat li anki l-parti l-oħra tax-xiehda ta' Anthony Valvo hija wkoll inammissibbli u li jiġu sfilzati d-dokumenti LS1 u LS2.

Il-konvenut appellat aċċetta d-digriet u sostnieh fir-risposta tiegħu għall-appell.

*Omissis;*

Ikkunsidrat il-mertu tal-appell:

L-artikolu 628 Kap. 12 jipprovdi illi "L-attijiet ta' Gvern barrani jew ta' Dipartiment ta' Gvern barrani, jew ta' Qrati ta' Ġustizzja barranin, jew ta' stabbilimenti barranin....... huma wkoll ammissibbli bi prova bl-istess mod bħad-dokumenti imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan;"

L-artikolu ta' qabel jiġifieri l-Art. 627 – jelenka diversi kwalitajiet ta' dokumenti li, għal iskopijiet ta' prova:

"......huma ammissibbli bla ma tkun meħtieġa ebda prova oħra ta' awtentiċità tagħhom, ħlief dik li tidher minnhom infishom, u **jippruvaw dak li jkun fihom** sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju;"

*Id-diffikultà li joħloq, għall-interpretu, dan l-artikolu qegħda* prinċipalment fil-portata tal-frażi li ġiet sottolinejata mill-Qorti – "jippruvaw dak li hemm fihom," meta din il-kwalifika tiġi applikata għad-**dokumenti barranin** msemmija fl-artikolu 628; inkwantu **l-awtentiċità tad-dokumenti,** normalment, **ma toħloq ebda diffikultà billi jkollhom fuqhom l-attestazzjoni tal-uffiċjal barrani li jkun responsabbli għall-emissjoni tad-dokument,** jew kopja tiegħu, u l-kontro-firma ta' persuna uffiċjali tal-Gvern Malti li qegħda fil-pajjiż barrani;

**Il-prova ta' dak li jkun jikkontjeni d-dokument hija dejjem soġġetta għall-kontro-prova li tista' tinġieb quddiem dawn il-Qrati.** Hekk per eżempju fil-kawża Messina *et noe.* vs *Gravagna et noe. deċiża minn din il-Qorti ta' Appell fit-28 ta'* Ġunju, 1872 – Vol. VI. pg. 251 – diversi ċertifikati ta' twelid, ta' żwiġijiet u ta' mwiet, rilaxxati mill-awtoritajiet ċivili u anki ekkleżjastiċi ta' Sqallija, ġew ammessi li jippruvaw dawk il-fatti

li huma jirreġistraw, iżda però fuq l-insistenza tal-konvenuti biex jagħmlu provi kuntrarji, din il-Qorti qalet:

*"Che nel caso per la detta prova contraria è necessaria una più ampia istruzione e consta soddifacentemente, che le testimonianze delle persone indicate per parte della detta Elisabetta e residenti fuori di queste isole, sono indispensabili per la definizione di questa causa;*

*Decreta.*

*Senza pregudizio delle ragioni delle parti, che vi è luogo all'esame dei detti testimoni – sospende la causa, ed accorda ai convenuti il termine di giorni 15 per indicare una persona ad oggetto di rappresentare i medesimi convenuti all'atto del detto esame – sotto la riserva di procedure come di legge, spirato il termine....."*

L-istess ġie ritenut mill-Qorti Kriminali komposta mill-Prim Imħallef Sir Adriano Dingli, Sir Salvatore Naudi u Dr. Luigi Ganado għar-rigward ta' *"atti di un Tribunale estero"* – *"La Regina vs Giovanni Francia"*, 23 ta' Ġunju, 1887 – Vol. XI.pg.377 – billi dawk l-atti "hanno prova del loro contenuto, *finchè non sià provato il contrario";*

Eżami ta' sentenzi oħra li jsemmu dan l-artikolu tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili ma jżidu xejn ma' dan li ntqal f'dawn li ġew kwotati;

Issa l-Qorti tifhem il-prejokupazzjoni tal-attur f'din il-kawża u dan għaliex **b'interpretazzjoni litterali ta' l-artikolu 628**

la darba d-dokumenti LS1 u LS2 huma indubbjament "**atti ġudizzjarji barranin – meta** dawn **jiġu ammessi** nkwantu huma awtentiċi – **mhux biss jippruvaw li sar,** ċjoè li saru r-rapporti jew dikjarazzjonijiet fit-Tribunal ta' Ruma, imma **ukoll** ***li jippruvaw dak li fihom. Din l-interpretazzjoni mhix*** **aċċettabbli u mhix korretta. Fl-art. 627, għal dak li jirrigwarda l-atti u r-reġistri tal-Qrati ta' Ġustizzja ta' dawn il-Gżejjer, hemm l-istess disposizzjoni u l-istess kliem huwa użat; b'danakollu** huwa biżżejjed magħruf u hija prattika kostanti u paċifika ta' dawn il-Qrati li **meta dokument bħal dak jiġi eżebit f'proċediment ġudizzjarju jittieħed bħala awtentiku,** u **jittieħed li** qed **jipprova dak** li **jikkontjeni, iżda b'daqshekk ma jittieħedx bħala li jipprova li dak li jikkontjeni huwa wkoll xiehda tal-fatti hemm reġistrati;**

Meta tiġi eżebita kopja ta' rikors dikjarat awtentiku, billi ffirmat mir-Reġistratur ta' dawn il-Qrati, dik hija prova li dak ir-rikors **kien** verament jikkontjeni dak li jkun fih imma ma jippruvax b'daqshekk li dak li fih jikkostitwixxi prova tal-verità tal-fatt hemm dikjarati. Il-verità ta' dawk il-fatti trid tiġi ppruvata kif kien ikollu jipprova r-rikorrent oriġinali li allega dawk il-fatti. L-istess interpretazzjoni u tifsira proċedurali trid tingħata għal art. 628 li jestendi l-istess provvediment għall-atti ta' Qrati barranin, u *ma jkunx ġurisprudenzjalment aċċettabbli li l-atti* ta' Qrati barranin jiġu kunsindrati li għandhom valur probatorju aktar qawwi minn dak tal-Qrati ta' dawn il-Gżejjer;

*Huwa veru li din id-distinzjoni ma saritx fid-digriet* interlokutorju li qed jiġi appellat, però, mill-banda l-oħra, din id-distinzjoni trid issir meta l-Qorti tiġi biex **tivvaluta** l-provi u mhux meta hija msejħa biex tikkunsidra **l-ammissibilità**

tagħhom. U d-digriet huwa ordinanza fuq **l-ammissibilità** tal-prova u mhux fuq **il-valur** tal-istess prova. Huwa veru wkoll illi fid-digriet hemm il-frażijiet – "jidher li saru quddiem interpretu..... u skond il-proċedura tal-post fejn saru" u dawn huma konsiderazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-prova u mhux għall-ammissibilità tagħha – imma jibqa' dejjem ferm li dak li qed jiġi dikjarat huwa li d-dokumenti huma **ammissibbli** bħala prova, u xejn m'huwa qed jiġi deċiż rigward il-valur probatorju ta' dawk id-dokumenti;

Id-digriet jirreleva wkoll l-ammissibilità ta' dik il-parti tax-xiehda ta' Anthony Valvo fejn huwa jiddeponi fuq fatti li jaf huwa, waqt li tiddikjara inammissibbli dik il-parti ta' l-istess xiehda li tmur kontra dak li hemm fl-artikolu 598(1) Kap. 12. Fuq daqshekk ukoll sar appell – li però ma jidhirx li ġie motivat. U verament, ma tantx tista' ssir opposizzjoni għall-ammissibilità tax-xiehda ta' Anthony Valvo sakemm dan jixhed fuq dak li huwa għamel. Anzi f'din il-parti tad-digriet, il-Qorti marret oltre l-ammissibilità u għamlet dik il-valutazzjoni diskrezzjonali li jikkonferixxi l-artikolu 598(1) Kap. 12 – (fid-digriet indikat bħala l-artikolu 597 Kap. 15) u ddikjarat li mhux se tagħti każ tax-xiehda ta' Anthony Valvo fejn dan iddepona dwar fatti li huwa – Valvo – sar jafhom mingħand ħaddieħor – għalkemm strettament din ir-regola ġenerali tal-provi, il-Qorti tista' tiksirha meta ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ ikunu jeħtieġuha;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tikkonferma d-digriet interlokutorju tas-17 ta' Novembru, 1986 bir-riżervi u *l-modalitajiet hawn fuq imsemmija u motivati;*

L-ispejjeż ta' l-ewwel digriet jibqu riservati għall-ewwel

Onorabbli Qorti waqt li dawk ta' dan l-appell għandhom jiġu sopportati nofs kull wieħed bejn il-partijiet.